QALA

Ref Nru 7

Il-minuti tas-seba` laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 13 ta' Novembru 2015, fis-6:30 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-erba`, il-hames u s-sitt laqghat.

2.1 Peress li l-minuti tal-erba`, il-hames u s-sitt laqghat tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3 Progett tal-Belvedere – EAFRD mizura 413.4.

3.1 Is-Sindku semma li x-xoghol fuq il-progett tal-Belvedere – EAFRD mizura 413.4 qed isir skond il-kuntratti. Huwa semma li l-Perit kejjel xi xoghol u jidher li ser ikun ta' xi madwar €55,000 jigifieri inqas mill-kuntratt li l-Kunsill ghandu ma` Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsill ircieva ittra minghand is-Segretarja Amanda Abela mill-Ministeru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill ghall-ghajnuna fil-ko-finanzjament tal-progett tal-Belvedere fejn il-Kunsill gie informat li din l-istess applikazzjoni giet milquha. Ghalhekk il-Kunsill ser jinghata allokazzjoni ta' €20,870.97. Anness ma l-ittra gie mibghut ftehim ta' accettazzjoni dwar dan il-fond. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan il-ftehim. Is-Sindku semma li kull ma ser johrog il-Kunsill huwa xi madwar €15,000. Huwa semma li wkoll li hemm xi fondi mill-mizura 413.4 li baqghu ma ntuzawhx minn ta' haddiehor u ghalhekk giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill GAGF fejn il-Kunsill talab fondi addizzjonali ghal progett tal-Belvedere. Is-Sindku semma li r-*railing* ezistenti qed jigi mizbugh minn Gatt Tarmac Ltd., kif ukoll ser ipoggi l-fanal ezistenti li kien inqala` . Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-GAGF fejn gie mitlub estenzjoni sal-15 ta' Dicembru 2015. Is-Sindku semma li ser isir *reverse osmosis* ghad-*drinking fountain* kif ukoll ser isir applikazzjoni ghal *meter* tal-ilma sabiex jinsaqa l-gnien. Il-Kunsill iddecida li m'ghandux ghalfejn isir *reverse osmosis* kif ukoll m'ghandiex isir applikazzjoni ghal *meter*.

Il-Vici Sindku ssuggerixxa li fuq il-*membrane* ghandha jsir bicca pjanca halli dan ma jiccaratx meta jigu jahartu.

## 4 Premju Unur Gieh il-Qala 2015.

4.1 Is-Sindku ppropona li din is-sena l-Premju Unur Gieh il-Qala ghandu jinghata lil Victor Grech li kien Kunsillier li serva fil-Kunsill Lokali Qala ghal dawn l-ahhar snin. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa jaqbel ma dan izda s-sena l-ohra huwa kien ppropona lil qassisin Mons Lawrenz Xerri u Dun Karm Xerri li t-tnejn ghalqu 50 sena qassisin u kien sar qbil li dan il-premju ghandu jinghata lilhom fil-futur. Il-Kunsill iddiskuta dan u wara gie deciz li dan il-premju ghandu jinghata lilhom flimkien mal-Kunsillier Victor Grech. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li waqt is-serata l-ewwel ghandu jinghata dan il-premju lilhom u fl-ahhar x'hin tkun ser tispicca s-serata jinghata dan il-premju bhala sorpriza lil Victor Grech. Il-Kunsill qabel ma dan. Gie deciz li s-serata ghandha jsir nhar il-Gimgha 18 ta' Dicembru 2015 fis-7:00 ta' filghaxija. Gie deciz ukoll li jkun hemm kant minn Patricia Buttigieg kif ukoll diskors fuq il-lokalita` tal-Qala u li ghandu jigi kkuntatjat Toni Mizzi dwar jaccettax li jaghmel dan id-diskors.

## 5 Istrina 2015.

5.1 Is-Sindku semma li l-President ta' Malta l-Ecc. Taghha Marie Louise Coleiro Preca ser tiftah l-attivita` tal-Istrina f'Ghawdex ufficjalment mill-lokalita` tal-Qala nhar il-Gimgha 18 ta' Dicembru 2015 bejn it-8:00 u d-9:00 ta' filghodu, fejn isir quddiesa fil-Knisja Arcipretali u wara tiltaqa` mal-komunita` tal-Qala. Il-Kunsill qabel ma dan. Giet trattata ittra mibghuta minn Dr Lisa Marie Brooke mill-ufficju tal-President dwar din l-attivita`.

## 6 Korrispondenza.

6.1 Giet trattati din il-korrispondenza:

6.2 Zewg ittri mibghuta minn Rueben Said mit-Transport Malta fejn informa lil Kunsill illi ma jsibux oggezzjoni ghat-talbiet tal-Kunsill sabiex isiru zewg *keep clears* quddiem sqaq fi Triq Cini u sqaq iehor fi Triq il-Wileg.

6.3 Notifiki t'avviz mibghuta minn Louise Cremona ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza EC/00204/15, EC/00211/15 u EC/00232/15 fejn b'dawn l-istess notifiki nformat lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dawn qed jigi annessi ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

6.4 Ftehim li sar bejn il-Kunsill u Vince Caruana Coordinator mill-*Visual & Performing Arts School Gozo* dwar trasferiment ta' tlett manikini mill-VPA School Xewkija ghall-Muzew Folkloristiku fil-Qala.

6.5 Ittra mibghuta mill-Perit Angelo Portelli fejn talab *no objection* mill-Kunsill ghat-talba ghal permess temporanju sabiex jigi ipparkjat *hawker's vehicle* fil-*parking area* f'Hondoq ir-

Rummien. Il-Kunsill unanimament ma qabilx mal-post peress li jekk jitqieghed hemm jostakola l-veduta.

6.6 Ittra mibghuta mill-Avukata tal-Kunsill Dr Renata Formosa fejn anness bghatet is-sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet zghar kif ukoll tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) flimkien mat-taxxi tal-kawza fl-ismijiet Erik Mercieca vs Kunsill Lokali Qala.

Giet diskussi xi materji ohra:

Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 11/2015 u SP 12/2015. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil-awdituri Spiteri Bailey and Co bhala risposta ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ta' l-*accounts* tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2014.

Is-Sindku talab lil Vici Sindku sabiex johrog ftit mill-kamra peress li huwa ghandu interess pekunarju fil-materja li kienet ser tigi diskussa. X'hin il-Vici Sindku hareg is-Sindku semma li huwa kien ordna lil Patricia Buttigieg li tigi t-tifla tal-Vici Sindku sabiex taghmel *design* tal-*leaflets* tal-QIFF ta' din is-sena. Il-Kunsill ircieva l-kont dwar dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jithallas. Wara dan il-Vici Sindku rega` dahal fil-kamra.

Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Perit Saviour Micallef fejn gie informat li l-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni dwar il-permess ghal *kiosk* ezistenti f'Hondoq ir-Rummien diment li s-sid igib l-permessi kollha mehtiega minn entatijiet u awtortaijiet ohra u ma jikser ebda ligi ohra.

Is-Sindku semma li huwa kellu laqgha mal-*Paying Agency* dwar il-kwistjoni ta' minn fejn ghandu jithallas il-Perit Edward Scerri dwar xoghol professjonali fuq il-progett ta' *Heritage Trail* li qed isir mill-fondi EAFRD - mizura 313. Huwa semma li l-Kunsill kien mexxa ma kif kien informah Robert Naudi tal-*Paying Agency* stess permezz ta' *email*, li kien sabiex isir *line item* fil-*bill of quantities* tal-offerta bl-ammont lest u l-Kunsill hekk kien ghamel. Is-Sindku qal li mhux xieraq li xi xahar ilu dawn informawh li l-ispiza ta' €17,580 trid tithallas mill-Kunsill peress li l-Perit ghandu konflitt ta' interess ghax huma issa qeghdin jirragunaw li l-Perit huwa tal-kuntrattur ghax qed jithallas minnu. Ghalhekk is-Sindku informahom li l-Perit huwa tal-Kunsill izda dimment li huma qed jghidu li l-Perit huwa tal-kuntrattur, allura issa l-Kunsill ghandu iqabbad Perit iehor biex jiccertifika x-xoghol u dan ghandu jithallas mill-Kunsill tal-kejl u certifikazzjoni biss li normalment il-Periti jithallsu xi 1% ghal dan ix-xoghol. Huwa semma li tal-*Paying Agency* qablu ma dan. Is-Sindku semma wkoll li tal-*Paying Agency* ghandhom xi fondi addizzjonali li ma ntuzawhx minn Kunsilli Lokali ohra u ghalhekk huma ser jaghtu lill-Kunsill xi fondi addizzjonali ghal dan il-progett.

Il-Vici Sindku ssuggerixxa li peress li la darba issa l-Kunsill ser jiffranka milli johrog xi spejjes ghal progett tal-*Heritage Trail* peress li ser jinghata xi *additional funds*, il-fondi li kienu ser jinhargu ghall-ispejjes ta' dan il-progett ghandhom jintuzaw sabiex jithallsu parti mill-ispiza tal-*water culvert* fi Triq il-Kuncizzjoni. Huwa semma li dimment li ser tinfetah

trinka mid-Dipartiment tad-drenegg habba r-*raising main* issa huwa cans li jsir il-*water culvert*. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li l-Kunsill irrid joqghod ftit attent minhabba dan peress li l-Kunsill ma jiflahx johrog spiza kbira. Il-Vici Sindku semma li ser isir laqgha ohra l-Ministeru ghal Ghawdex dwar ix-xoghol fuq ir-*raising main* u l-*water culvert.*

Is-Sindku semma li l-Green MT mhux ser jibqghu ibattlu s-*separation bins* li hemm fil-*bring in site* fi Triq Ta' Kassja. Giet trattata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand Joe Attard mill-Green MT dwar dan. Il-Kunsill iddiskuta dan u ddecida li tizdied gurnata ohra ghal gbir tal-iskart separat flok il-gbir tal-iskart normali. Gie deciz li l-gurnata ghandha tkun il-Gimgha.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-12 ta' Settembru 2015 sat-13 ta' Novembru 2015 minn referenza numru 198/15 sa referenza numru 224/15 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 104/15 sa referenza numru 126/15 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 7 ta' Dicembru 2015.

______________________ ______________________

Clint Camilleri — Marcia Borg

Sindku — Segretarja Ezekuttiva